# MIKIEL ANTON VASSALLI

## F'GĦELUQ IL-MITEJN SENA TA' TWELIDU (1764-1964)

Ta' ĠUŻÈ DIMECH DEBONO

Bħalma d-Dinja Letterarja b'Malta magħha għadha kif fakkret egħluq l-erbgħa mitt sena mit-twelid ta' Skakespeare u Marlowe, hekk ukoll hu xieraq li Malta Letterarja tfakkar l-għeluq tal-mitejn sena mit-twelid ta' Mikiel Anton Vassalli, wieħed mill-ulied magħrufa tagħha.

Mikiel Anton Vassallo, għax hekk kunjomu kien tabilħaqq, twieled f'Ħaż-Żebbuġ nhar il-5 ta' Marzu, 1764, jiġifieri mitejn sena ilu.

Ta' sitt snin tilef lil missieru. Imma xorta waħda huwa ntbagħat u tħalla fl-iskola. Għall-ewwel kellu ħsieb isir qassis tant li aktar milli ħa l-Ordnijiet Minuri, hu mar iżid jistudja l-Filosofija, it-Teoloġija, il-Letteratura u xi Ilsna Orjentali ġewwa Ruma.

Iżda aqwa minn kollox ħsiebu kien f'Ilsien Art twelidu, u x'sura ta' kitba għad jista' jagħtih.

B'dan il-għan iberren f'moħħu hu kiteb l-ewwel ktieb tiegħu bl-isem "L'Alfabeto Maltese spiegato in Lingua Maltese ed Italiana", li bih fl-1790 irnexxielu tabilħaqq joħloq alfabet jixbah lil dak ta' żmienna.

Fis-sena ta' wara kiteb Grammatika Maltija bil-Latin li fiha b'dak l-Ilsien hu sawwar kunjomu fil-każ ġenittiv biex imbagħad ġara li baqa' għal dejjem magħruf bħala Vassalli flok b'Vassallo.

Imħarreġ, kif kien fl-Ilsna Orjentali, hu ma naqasx juri ħiltu fl-1793 b'xi epigrafi Għarbin li qaleb għal-Latin bla xejn tilef mill-kobor tas-siwi tagħhom.

Fl-1795 reġa' ġie Malta fejn, barra milli kiteb vokabolarju mill-Malti għal-Latin u t-Taljan, bl-isem "Lexion Melitensis", li ġie mitbugħ fis-sena ta' wara, huwa ntefa' għal ħafna ħidmiet oħra; jaqbeż għall-Poplu biex kieku b'kummerċ ħieles eċċ: jinqered l-għaks u biex ukoll bi twaqqif ta' skejjel Governattivi jitkattar it-tagħlim fost il-Poplu.

Ġie li tkellem biex, kif wara kien sa jitwettaq bl-Għaxar Artikolu tat-Trattat t'Amiens, titwaqqaf Berġa tal-Kavalieri Maltin, u ġie li bil-maqlub tkellem biex il-Kavalieri jagħtuna l-Indipendenza u jħalluna darba għal dejjem.

Għal dan it-tirżin tiegħu flimkien ma' tixwix u serq t'armi u porvli mill-Armerija ta' l-Ordni, hu ġie mixli b'delitt kontra l-Istat b'riżultat li wara sab ruħu mitfugħ għal għomru f'qiegħ ta' ħabs mudlam.

B'danakollu mill-Forti Rikasli, fejn kien miżmum, ġie mħarrab

ftit żmien wara u nwassal Salerno fuq bastiment Grieg.

Mal-miġja tal-Franċiżi f'Artna hu ġie lura b'dehra ta' xewqtu maqtugħa li s-Saltna tal-Kavalieri ntemmet minn fostna.

Imma meta dawk l-istess nies, li ġabuh magħhom u hawn laħħquh Ajjutant tal-Gwardja Nazzjonali, bdew juru x'jasar isarraf il-ħelsien li jwegħdu lil ħaddieħor, niesu l-Maltin ħabtu għalihom u fost l-oħrajn qabdu lilu li ikkalzraw f'Sant'Anton sakemm f'Jannar tas-sena 1801 huma eżiljawh f'Barbarija kif ġie maqtugħ b'sentenza tal-Qorti nhar is-16 ta' Settembru, ta' qabel.

Wara għoxrin sena msiefer, hu rnexxielu jerġa' jirfes Art twelidu fejn beda jgħix billi jgħallem il-Franċiż.

F'dak iż-żmien, meta l-Ingliżi kienu ilhom qatigħ hawn Malta, Vassalli ma ħabbelx rasu aktar ħlief kif jista' jkun, bħalma tassew sar, Missier il-Kitba Maltija.

Beda, mela, biex fl-1823 qaleb għall-Malti l-erba' Vanġeli li fihom dam jaħdem sa ħames snin wara meta spiċċa b'dak ta' San Ġwann.

Magħrufa ħiltu wkoll mill-Kunsill Ġenerali ta' l-Università, Vassalli ġie fl-1824 maħtur biex igħallem il-Malti fl-istess Università.

Jingħad ukoll li l-Gvernatur Ponsonby ħa ħsieb jaħtru Professur ta' l-Ilsna Orjentali.

Fl-1827 ħareġ edizzjoni oħra ta' Grammatika Maltija miktuba bit-Taljan u fis-sena ta' wara ħareġ ukoll ktieb ieħor bl-isem ta' "Qwiel u Proverbji Maltin".

Fl-aħħar snin ta' ħajtu ntefa' wkoll jaqleb bil-Malti l-Atti ta' l-Appostli meta ħass li saħħtu ma baqgħetx sħiħa bħall-ħajra li kellu, l-aktar billi sikwit kien jaħkem fuqu r-rewmatiżmu.

Fl-aħħar, marid mhux ftit, hu miet ta' 65 sena nhar it-12 ta' Jannar, 1829 bla miegħu miet ukoll ismu.

Jingħad li lanqas m'hu magħruf fejn ġie midfun. Imma għalkemm m'hemm ebda ħjiel fejn tpoġġa ġismu, nafu biżżejjed kull fejn jinsab ismu li jseddaqna bis-sħiħ fil-fehma diġà biżżejjed soda tagħna li tassew darba għex dan Mikiel Anton Vassalli, li aktar minn biss Kittieb Malti Kbir, hu kien ukoll safa' "Missier il-Kitba Maltija".